16 ta' Mejju, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Antonia Said** *versus* **Avv. Dr. Paolo Borg Grech ne.**

**Leġittima — Frutti — Interessi.**

*Il-leġittimarju għandu dritt għall-frutti minn dak in-nhar ta' l-apertura tas-suċċessjoni, imma d-dritt tiegħu huwa biss għal frutti tal-beni li jikkomponu l-leġittima; u għalhekk huwa għandu dritt biss għal dawk il-frutti li ġew perċepiti mill-beni li jidħlu u jikkomponu dik il-leġittima.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi fl-24 ta' Mejju 1947 miet Vincenzo Giordimaina, missier l-attriċi (dok. A); u peress illi b'testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Vincenzo Maria Pellegrini tal-11 ta' Lulju 1946 huwa kien, wara li ħalla diversi legati kif jidher mill-istess testment (dok. B), istitwixxa bħala unika eredi universali tiegħu lill-attriċi; u peress illi l-attriċi, billi sabet illi a kawża tad-donazzjonijiet magħmula u tal-legati mħollija mill-istess Vincenzo Giordimaina, ġiet leża l-leġittima tagħha, b'nota preżentata fis-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti fit-12 ta' Diċembru 1949, irrinunzjat għall-eredità ta' l-imsemmi missierha, iżda żammet id-dritt għal-leġittima li tistħoqqilha skond il-liġi; tal-

bet illi jiġi likwidat, għall-bżonn per mezz ta' periti, l-assi ta' l-imsemmi Vincenzo Giordimaina, missier l-attriċi, billi dan jiġi dikjarat jikkonsisti fis-sustanzi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; tiġi likwidata l-leġittima li tmiss lill-attriċi bħala bint ta' l-imsemmi Vincenzo Giordimaina mill-wirt tiegħu; jiġi ordnat illi l-istess leġittima hekk likwidata tiġi assenjata lill-attriċi, bil-frutti jew imgħax relativi skond il-liġi. Billi għall-publikazzjoni ta' l-att opportun jiġi nominat nutar, u kuraturi biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Illi l-partijiet ma kkontestaw bl-ebda mod il-konklużjonijiet raġġunti mill-perit legali, u dina l-Qorti ma ssibx raġunijiet għaliex dawk il-konklużjonijiet ma għandhomx minnha jiġu adottati;

Illi l-attriċi qiegħda titlob li l-leġittima tiġi lilha assenjata bil-frutti jew interessi relativi. Relativament għal dawn il-frutti, "benchè dicevansi 'augere haereditatem', fu detto ancora e ricevuto che 'debet legitima praestari cum fructibus', non come costituenti un aumento della somma, o valore principale della legittima, ma come accessorio della stessa; essi sono però al legittimario dovuti dai percepiti, e non sul piè di altra tassa legale di danni od interessi, che potrebbero esser dovuti, ma per diversa ragione di legge" (P.A. 4 ta' Jannar 1851, "Bugeja vs. Lombardo", Vol. IX, 297). Il-leġittimarju għandu dritt għall-frutti minn dak in-nhar ta' l-apertura tas-suċċessjoni, imma biss "ai frutti dei beni che compongono la sua legittima" (P.A. 7 ta' Jannar 1925, "Caruana vs. Zammit", Vol. XXVI—II—1);

Illi għalhekk, relativament għal dawna l-frutti l-attriċi għandha d-dritt biss għal dawk li ġew perċepiti mill-beni li jidħlu u jikkomponu l-leġittima tagħha, li f'dan il-każ hija t-terz ta' l-imgħaxijiet fuq it-£300 Defence Bonds mill-25 ta' Mejju 1947 sal-lum, jiġifieri t-terz ta' £26. 15. 0, jew £8. 18. 4;

Għal dawn ir-raġunijiet, u b'adozzjoni tal-konklużjonijiet raġġunti mill-perizja legali;

Tiddeċidi billi (1) tillikwida l-assi ta' Vincenzo Giordimaina fl-ammont ta'............; (2) tillikwida l-leġittima li tmiss lill-attriċi fl-ammont ta' £76. 5. 9; (3) tordna li dina l-leġittima, hekk likwidata, tiġi assenjata lill-attriċi, flimkien ma' £8. 18. 4 bħala frutti, bl-imgħax legali; (4) tinnomina għall-publikazzjoni......... L-ispejjeż iħallashom il-konvenut nomine.